MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. KEVIN MOMPALAO

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2013

Talba Numru. 18/2012

Korporazzjoni Enemalta
Vs
Road
Construction Co. Ltd
It-Tribunal

Ra l-avviz prezentat mill-kumpanija attrici fis-sittax (16) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012) li permezz tieghu l-korporazzjoni attrici talbet illi l-kumpanija konvenuta tigi kkundannata thallas lilha s-somma ta' elf erba mija u erbgha u hamsin Ewro u wiehed u hamsin centezmu (€1454.51) rapprezentanti danni kkagunati minnha f'taghmir taghha nhar it-tnax (12) ta' Gunju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) fit-Triq ix-Xlendi, Xlendi (limiti Munxar), Ghawdex. Dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tad-danni u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-kumpanija konvenuta prezentata seduta stante fit- tlettax (13) ta' Gunju tas-sena elfejn u tnax (2012) fejn gie ecepiet illi t-talbiet attrici huma totalment

infondati fid-dritt u fil-fatt peress illi s-socjeta' konvenuta ma hijiex responsabbli ghar-rizarciment tad-danni reklamati mill-attrici, dan peres illi hija hadet il-prekawzjonijiet kollha necessarji u ottemporat ruhha mad-direttivi lilha moghtija minn min huwa responsabbli.

Ra' l-atti kollha

Ra d-dokumenti kollha esebiti

Sema' x-xhieda moghtija  u ra t-traskrizzjonijiet ta' l-istess xhieda

Ra d-digrieti kollha tieghu nkluz dak ta' l-1 ta' Marzu 2013 li permezz tieghu din il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra .

Il-fatti li taw lok ghal din il-kwistjoni huma semplici. Il-kumpanija konvenuta kienet qed taghmel xoghol ta' trinkar fi triq pubblika arterjali  magenb cable tal-elettriku mirdum taht l-art fl-istess triq  bl-intiza illi l-cable hemm mirdum jigi spostjat ghal go din it-trinka gdida.  Il-cable kien tal-kumpanija attrici u  kien fih il-kurrent.

Qabel inbdew ix-xogholijeit haddiema tal-korporazzjoni attrici mmarkaw b'zebgha hamra l-lokazzjoni ta' dan il-cable. L-ittrinkar kien qed isir f'zona ristretta bejn il-hajt tat-triq u l-cable  li jkun kopert b'cangatura tal-gebel .

Fil-kors tax-xoghol tieghu l-haddiem li kien qed jaghmel l-ittrinkar u li kien qed jahdem permezz ta' excavator, kommunament maghruf bhala JCB, iltaqa' ma' gebla goffa. Ix-xoghol li kien qed jaghmel dan il-haddiem, kif jistqarr hu stess ma kienx xoghol ta' tqattigh, izda xoghol ta' tindif,  fejn bil-makkinarju li kellu kien jaqla l-wicc tat-triq u t-terrapien li  jkun hemm taht, minghajr il-htiega li jqatta. Dan il-haddiem prova jilleva din il-gebla permezz ta' l-excavator tieghu, izda din daret bil-konsegwenza li qarset il-cable ta' l-elettriku  u qatghetu.

Il-korporazzjoni attrici tallega negligenza u titlob li tigi mhallsa ghad-danni sofferti. Il-kumpanja konvenuta tghid illi hi ezercitat id-diligenza necessarja izda tallega l-kaz fortuwitu u li  per konsegwenza tieghu, hija ghandha tigi mehlusa mid-danni.

Hawnhekk it-Tribunal irid jara jekk il-konvenuta ghandhiex tigu ritenuta responsabbli ghall-istess hsarat minhabba tort da parti taghha billi ma uzatx allegatament il-prudenza, diligenza, u attenzjoni ta' "bonus parter familias". Difatti jrid jigi pruvat li l-istess konvenuta, minhabba negligenza, imprudenza, jew nuqqas tad-debita attenzjoni, ikkagunat l-istess hsarat (ara l-artikli 1031, 1032 u 1033 tal-Kodici Civili). Pero jinghad ukoll li l-hsara kagunata minn "an irresistible force" ghandha tkun a karigu tal-persuna li fuqha jew fuq proprjeta taghha giet kawzata l-istess hsara (artikolu 1029 tal-istess kodici).

Kif pacifikament akkolt mill-gurisprudenza taghna fuq is-suggett il-"forza magguri" hija dik il-forza li ghaliha huwa mpossibbli li wiehed jirrezisti, mentri l-"kaz fortuwitu" huwa dak l-avveniment li ma setax ikun prevedut minn persuna ta' ordinarja diligenza – "**Albert Borg Falzon pro et noe –vs- Charles Darmanin pro et noe**", Appell Kummercjali, 7 ta' Gunju 1940 (**Vol XXX pI p869**).

Gja kien gie stabbilit illi "il caso fortuito o la forza maggore e` l'evento non dipendente da azione o omission volontaria o colposa, non prevedibile o almeno non evitabile" – "**Pubblio Azzopardi -vs- Antonio Arcicovich et**", Appell Civili, 14 ta' Novembru 1919 (**Vol XXIV p I p172**).
Hekk issokta jinghad ukoll illi "biex ikun hemm il-kaz fortuwitu jrid ikun hemm event li ma jiddependix mill-fatt tad-debitur, event imprevedibbli u inevitabbli. Ghall-applikazzjoni tal-prevedibilita` jew imprevedibilita` ta' l-event ghandha tigi applikata t-teorija tad-diligenza tal-"bonus pater familias", li fin-nuqqas taghha ggib il-"colpa" tad-debitur, li allura jiznatura l-koncett tal-"forza maggiore" – "**Kurunell Hugh Philip Raymond noe -vs- NegteManwel Busuttil pro et noe**", Appell Kummercjali, 16 ta' Novembu 1942 (**Kollez Vol XXXI pI p554**).

Fil-precitati kazijiet kollha gie affermat il-principju illi "il concetto del caso fortuito, in quanto almeno alla irresponsabilita` che ne deriva, viene meno quando concorre il fatto positivo o negativo dell'uomo" ("**P.L. Costantino Fenech –vs- Camillo Gatt noe et**", Prim'Awla, 17 ta' Mejju1902 (Vol XVIII pII p164; "**Caterina Bezzina -vs- Giorgio Grech et**", Prim'Awla, 7 ta' Gunju 1938 (Vol XXX pII p142).

Kif ahjar spjegat fil-precitata sentenza a **Vol XXIV p I p 172**, "quando invece vi ha la violazione di un dovere, ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenza della propria azione od omissione, e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza avvedersene, allora si ha non il caso fortuito, ma la colpa ed il quasi delitto".

Skond il-principji tad-dritt biex ikun hemm il-kaz fortuwitu mhux bizzejjed li jkun hemm avveniment insolitu, sproporzjonat u li jkun prodott mill-forzi tan-natura, imma mehtieg li jkun inevitabbli b'mod li ma jistax jigi evitat b'diligenza ordinarja tal-bonus paterfamilias" – "**Carmelo Micallef -vs- Brigadier John Belle McCance noe**", Prim'Awla, 7 ta' Frar 1953 (**Vol XXXVII pII p637**). Osservazzjoni din ribadita fis-sentenza recensjuri tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet
"**Carmelo Micallef –vs- Direttur tax-Xoghlijiet**", 28 ta' Frar 2001.

Premessi dawn il-konsiderazzjonijiet ta' dritt fuq il-materja huwa konkordament ricevut illi "l-prova tal-forza magguri jew tal-kaz fortuwitu ghandu jaghmilha d-debitur" ("**Consiglia Fenech –vs- Angelo Carabott**, Appell Kummercjali, 17 ta' Novembru 1941, **Vol XXXI pI p467**).

Ghaldaqstant fil-kaz odjern il-prova tal-kaz fortuwitu riedet taghmilha l-kumpanija konvenuta. Il-kumpanija konvenuta kellha fuq l-iskorta ta' dak fuq ribadit, tipprova mhux biss l-avveniment insolitu u sproporzjonat, izda riedet tipprova illi l-akkadut kien inevitabbli u ma setax jigi evitat bid-diligenza ta' bonus pater familias.

F’kaz fejn il-haddiem kien qed jahdem daqshekk qrib il-cable, u f’kaz fejn it-terren kien kwazi kollu terrapien zghir u ghalhekk din il-gebla kienet haga insolita, u f’kaz fejn il-haddiem ra’ l-gebla izda ha r-riskju li jcaqlaqa b’ingenji goffi meta kien jaf li kien qed jahdem qrib il-cable (hu stess jghid li kien ferm ristrett fejn kellu jahdem) ma tantx jista jinghad illi dawn iz-zewgt rekwiziti gew sodisfatti

In oltre fis-site excavation form maghmula bejn l-Enemalta u l-kuntrattur konvenut hemm car illi ma kellu jsir l-eda xoghol simili, permezz ta’ makkinarju f’distanza ta’ anqas minn hamsa u sebghin centimetru (0.75m), mill-cable. Li wiehed jifhem illi x-xoghol f’tali distanza kellu jsir b’ghododd izghar, simili ghal ghodod ta’ l-idejn. Madanakollu l-kumpanija konvenuta hadet ir-riskju meta sfidat dak maqbul u wzat makkinarju goff ghax-xoghol taghha minkejja li x-xoghol kien qed isir f’distanza zghira ta’ madwar pied u nofs l-boghod mill-cable (vide xhieda ta’ Eric Saliba ta’ l-1 ta’ Marzu 2013). L-inginier John Mizzi jghid illi bejn il-hajt u l-cable kien hemm distanza ta’ cirka metru u din id-distanza kienet kwazi qed titqatta kollha. Ghalhekk il-haddiem kien qed jahdem ferm anqas mid-distanza ta’ hamsa u sebghin centimetru mill-cable. Dan jemergi wkoll mir-ritratti esebiti.

F’dan ix-xenarju ma jistax jinghad illi l-kumpanija konvenuta hadet dawk il-prekawzjonijiet diligenti li kien tassew rikjest f’dan ix-xoghol. Ghal kuntrarju jirrizulta li hadet riskju li tahdem b’ingenji goffi u li ccaqlaq gebla mdaqqsa qrib il-cable b’ingenji goffi. Riskju li mar zmerc, u li fic-cirkostanzi, jaghmilha responsabbli ghall-incident u jassoggettha ghad-danni.

Illi dwar il-kwantum tad-danni jidher illi dawn gew pruvati sodisfacentament u ma gewx kontestati.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa t-talbiet attrici; jiddikjara lill-kumpanija konvenuta bhala responsabbli ghall-incident li sehh fit-tnax (12) ta’ Gunju tas-serna elfejn u ghaxra (2010) fi Triq ix-Xlendi, Xlendi (Munxar), Ghawdex; jiddikjara lill-

kumpanija konvenuta responsabbli ghad-danni kawza ta' l-istess incident, u jikkundanna lill-kumpanija konvenuta thallas dawn id-danni li qed jigu hekk likwidati fis-somma ta' elf erba mija u erbgha u hamsin Ewro u wiehed u hamsin centezmu (€1454.51) lill-koroporazzjoni attrici. Bl-imghax mid-data ta' din is-sentenza. Spejjes kollha jkunu a kariku tal-kumpanija konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------